## *Ta'* Emanuel Agius

Nafu biss li aħna ħawn:
Mnejn ġejna u fejn sejrin,
U — l-ikbar, l-aqwa, l-ogħla —
Għalfejn hawnhekk qegħdin
Ma jafu ħadd. Iżda ħadd m'għandu jgerger
Għax din dinja sabiħa. Ftit li jafu
Xinhuwa l-ġmiel, imma kulħadd jithenna
Bih, bla ma jaf il-għala. Tista' tgerger
Li kultant ħaġa tmur ħażin, jekk kollox
Minn barra minna hu tajjeb?
Jista' l-marid jilmenta
Mill-anestetku li ħolm ta' ġmiel iġiblu?
Aħna hawn għal xi ħaġa. Jekk ma nafux
Din il-ħaġa xinhija, b'danakollu
Hawn il-ġmiel tal-ħolqien madwarna.
Niftakru illi aħna,
M'għamilna xejn biex jistħoqqilna dana,
U, bħal ma aħna, stajna ma konniex.
Stajna sirna b'xi mod li kellna nimxu,
Skond il-ħsieb tal-Ħallieq, bħal rsir, taħt frosta.
U, minflok, tana din id-dinja msaħħra,
Tana l-ilwien u l-għana, tana s-sensi
Li jħossu ħaġa nieqsa u jsibuha.
Stajna biex nieklu ma nħossux it-tieba
Imqar ta' ħobża fietla. Din tahilna.
Jekk, kif qal Hamlet, aħna dud jitkaxkar
Bejn is-sema w l-art, iżda aħna nafu
Illi s-sema miżgħud bil-kwiekeb jiddu,
Jew ikħal nir, bid-deheb tax-xemx imsebbaħ,
U din l-art fiha l-ward, l-ilwien, il-fwieħa,
U dan id-dudu li qiegħed jitkaxkar
Bejn is-sema u l-art, hu wisq ferħan
Li bejniethom jinstab. Mhuwiex il-qamħa
Li, bejn tal-mitħna l-ġebel, tiġi mfarrka,
Iżda xi ħaġa li tista' 'l fuq tħares,
U madwarha ddur, bil-ġmiel tithenna.



Għandna f'żogħżitna s-saħħa,
U fl-aqwa ta' ħajjithom, ħafna jsibu
F'xi maħluqa oħra, il-ħaġa li jixtiequ.
Jaraw xi par għajnejn, tbissima ħelwa;
Xi ħsieb huma t-tnejn jaqsmu,
U, wara, il-ħajja għalihom ma tkunx tqila,
Għax f'tal-ħolqien ikunu posthom sabu.
Nafu biss li aħna hawn. Dawk il-ħafna
Li moħħhom ma jħabblux, m'għandhomx ħlief hena.
Oħrajn mhux hekk għax magħmulin mod ieħor.
Iżda tassew illi kull min iħares
Madwaru sewwa jekk kultant xi karba
Taħrablu minn xufftejh, b'dan kollu l-iżjed,
Jekk għandu ħsiebu ġust, li għandu jagħti
Hija kelma ta' ħajr.

---

### ERRATA-CORRIGE

### QALB OMMU

F'dil-poeżija li dehret fl-aħħar ħarġa ta' "IL-MALTI", paġ. 23 isiru dawn it-tiswijiet :—

*Fl-ewwel strofa* : Hemm xi versi maqlubin (żball tal-kompożizzjoni). L-istrofa għandha tinqara hekk :—

Nasbitu b'ħażen kbir ta' mara kiefra,
Xenqitu b'ġmielha, u f'qalbha daħket bih;
Staħbiet għal żmien u xandret ii hi msiefra
Biex tkompli tonsob dan l-għasfur sabiħ.

*Fl-aħħar strofa* : Traspożizzjoni ta' l-ewwel kelmtejn fl-aħħar vers. L-awtur, għalhekk, jixtieq li l-aħħar vers jinqara hekk skond l-oriġinal :—

Jaħasra ! Ibni ! Għidli, int weġġajt ?!